MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2006

Talba Numru. 919/2005

**Elmo Insurance Limited (C3500) bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha David Grima u l-istess David Grima**

**Vs**

**Matthew Caruana**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett mija u ghaxar liri Maltin u sitt centezmi (Lm310.06c) rapprezentanti danni subiti fil-vettura taghhom bin-numru ta' registrazzjoni LUC 555 f'kollizjoni li sehhet fi Triq Enrico Naudi, l-Iklin fis-26 t'April, 2003.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi mhux responsabbli ghall-kollizjoni u li kien qed izomm *a proper lookout*.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Mula, PS 321 Alan La Grasta, Paul Barbieri, Lucia Grima u ta' Matthew Caruana.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr David Harding ghall-atturi u ta' Dr Carmelo Galea ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-kollizjoni in kwistjoni sehhet fi Triq Enrico Naudi, l-Iklin. Din hija *side road* li tikser u taghti ghal Triq Carmelo Pace. Il-kollizjoni saret proprju fil-kisra. Dakinhar ta' l-incident, nofs it-triq kienet imblokkata bil-blokok tal-konkos billi kien qed isir zvilupp fl-inhawi u fil-fatt il-blokok kienu magenb il-*continuous white line* li solitament tigi mpingija f'nofs it-triq. B'hekk, triq li qabel kellha zewg karreggjati saret triq b'karreggjata wahda u f'dik il-karreggjata wahda kien jghaddi t-traffiku sejjer fid-direzzjoni f'zewg direzzjonijiet opposti. Ma jirrizultax li kien hemm xi tabelli jew xi sinjali tat-traffiku li avzaw lis-sewwieqa fl-inhawi u ghalkemm fl-i*sketch* hemm indikazzjoni li hemm zewg *street signs*, hadd mill-partijiet ma seta' jixhed u jghid x'kienet l-informazzjoni miktuba fuq dawn is-sinjali.

Illi ghalhekk it-Tribunal iqis illi l-karreggjata fejn sehhet il-kollizjoni ghandha titqies bhala triq wahda li tiehu t-traffiku fiz-zewg direzzjonijiet opposti ta' xulxin. L-i*sketch* jindika illi din it-triq hija bejn wiehed u iehor erba' metri wiesa' ghalkemm fil-kisra hija daqsxejn aktar wiesa'. Iz-zewg vetturi habtu frontalment. Lucia Grima, mart l-attur, xehdet illi dakinhar ta' l-incident hija kienet qeghda miexja meta hija ndunat bil-karozza l-ohra gejja, hija waqfet u halliet il-karozza taghha *free* ghax indunat li kienet ser issir il-kollizjoni u biex b'hekk l-impatt jigi *cushioned*. Il-konvenut jghid illi huwa kien ser javvicina l-kisra u f'hin minnhom induna bil-karozza l-ohra u malli nduna biha ghafas il-*brake*. Mill-i*sketch* esebit jirrizulta li l-konvenut halla sitt metri *brakemarks*.

Il-konvenut da parti tieghu jsostni illi l-attrici messa waqfet qabel ma ressqet hdejn il-blokok u stenniet sakemm setghet taccerta ruhha li ma kienx hemm traffiku gej mid-direzzjoni opposta.

Da parti taghhom l-atturi jsostnu illi l-konvenut kien gej bi speed mhux konsiljat tant illi halla sitt metri *brakemarks*. Isostnu wkoll illi hemmhekk huwa *blind spot* u li l-konvenut ma kienx qed izomm *a proper lookout*.

Minn ezami tal-premess, it-Tribunal huwa tal-fehma li z-zewg sewwieqa huma responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni. Il-konvenut li joqghod fl-inhawi kien jaf bil-konfigurazzjoni tat-triq u kien jaf li fit-triq li kien bihsiebu jaqbad kien hemm il-blokok tal-konkos u li ghalhekk it-triq giet ristretta biex tiehu t-traffiku miz-zewg direzzjonijiet. Jirrizulta li huwa ntebah bil-karozza l-ohra kif wasal fil-kisra u malli nduna biha ghafas il-*brake*. Kieku kien aktar attent jew kieku s-sewqan tieghu kien aktar prudenti, certament kien ikun f'pozizzjoni illi jiehu *evasive action* xieraq biex jevita milli jahbat ma' karozza ohra li possibbilment kienet tkun ser tigi mid-direzzjoni opposta tieghu. Da parti taghha l-attrici wkoll hija responsabbli billi ghalkemm hija ndunat li kien hemm il-vettura l-ohra gejja ghal fuqha u waqfet, xorta wahda, hija kienet ftit *on the crown of the road* u b'hekk imblokkat il-karreggjata tal-karozza gejja mid-direzzjoni opposta.

Il-konvenut isostni illi Lucia Grima messa waqfet u stenniet hdejn il-blokok tal-konkos qabel ma bdiet iddur u fil-fatt, kieku hija ghamlet hekk, kien ikollha vizwali daqsxejn ahjar tat-triq minfejn kien gej il-konvenut u ghal din ir-raguni t-Tribunal ihoss illi hi wkoll ghandha terfa' parti mir-responsabbilta'.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi r-responsabbilta' tal-kollizjoni ghandha tigi apporzjonata ugwalment fuq iz-zewg sewwieqa.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, fis-seduta tat-3 t'April, 2006 il-konvenut ivverbalizza li mhux qed jikkontesta l-*quantum*.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara li l-konvenut ghandu jerfa' nofs ir-responsabbilta' tal-kollizjoni in kwistjoni u konsegwentement jilqa' t-talba ta' l-atturi limitatament ghas-somma ta' mija u hamsa u hamsin lira Maltin u tlett centezmi (Lm155.03c) u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi tali somma. L-ispejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------